# Formola tal-Għażla tal-*Interim Scrip* Dividend

Il-Formola tal-Għażla tal-*Interim Scrip* Dividend għandha timtela mill-Azzjonisti li jixtiequ jirċievu **ishma ġodda bħala ħlas ta' dividend** għall-perjodu finanzjarju li ntemm fit-30 ta' Ġunju 2026.

**Għal dawk l-Azzjonisti li jixtiequ jirċievu d-dividend tagħhom fi 'flus', l-ebda azzjoni mhi meħtieġa.**

Skont id-dikjarazzjoni ta' l-*interim* dividend fil-forma ta' *scrip* dividend, approvata mill-Bord tad-Diretturi ta' APS Bank plc fit-30 ta' Lulju 2026, billi tiffirma u tirritorna l-Formola tal-Għażla tal-*Interim Scrip* Dividend sad-data tal-iskadenza indikata hawn taħt, inti tkun qed tikkonferma l-għażla tiegħek li tirċievi d-dividend nett tiegħek permezz ta' **allokazzjoni ta' ishma ġodda**.

**Il-Formola kompluta għandha tasal għand is-Segretarjat tal-Kumpanija, APS Centre, Triq it-Torri, Birkirkara BKR4012, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 18 ta' Settembru 2026.**

**Jekk jogħġbok irreferi għan-Noti misjuba f'dan il-ktejjeb għad-dettalji dwar kif tintbagħat il-Formola.**

Sabiex tkun tista' tieħu deċiżjoni xierqa, it-tabella hawn taħt tipprovdi spjegazzjoni dwar l-għażliet li għandek ta' kif tista' tirċievi d-dividend nett li jmissek, jekk titħallasx fi flus (Għażla 1), **jew** tingħata ishma ġodda (Għażla 2). Nistiednuk tirreferi għaċ-Ċirkulari mehmuża għal aktar informazzjoni.

| **Isem l-Azzjonist** | **Kont tal-MSE** |
|---|---|
| | |

| **Numru ta' Ishma sal-20 ta' Awwissu *(Record Date)*** |
|---|
| |

| **Kont tat-Taxxa/Qligħ miksub fis-Sena ta´ Stima** | **Rata tat-Taxxa (%)** | **Dividend Gross għal kull Sehem (€)** | **Dividend Gross (€)** | **Taxxa Miżmuma (€)** | **Dividend Nett (€)** |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |

'IPA' - Kont tal-Proprjetà Immobbli; 'YA' - Sena ta' Stima – 2019 u 2020

| | |
|---|---|
| **Għażla 1: Dividend totali fi flus (€)** | |
| **Għażla 2: Dividend totali f'ishma ġodda** (ibbażat fuq il-*attribution price ta'* €0.58) | |

Il-ħlas tal-*interim* dividend, u d-dħul tal-ishma ġodda fil-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta, skont il-każ, ser iseħħ sat-**30 ta' Settembru 2026**, bin-negozjar tal-ishma elenkati ġodda jkun jibda fil-jum ta' negozju li jmiss.

Ninfurmawk li d-dritt tiegħek għall-ħruġ ta' ishma ġodda mhuwiex trasferibbli.

Jekk għandek xi dubju dwar liema għażla għandek tagħmel, nissuġġerulek li tieħu parir mingħand konsulent independenti tal-għażla tiegħek.

Jien/Aħna, bħala azzjonist/i tal-APS Bank plc, nagħżel/nagħżlu li nirċievi/u l-*interim* dividend nett li jmissni/a għall-perjodu finanzjaru li ntemm fil-30 ta' Ġunju 2026 permezz ta' **allokazzjoni ta' ishma ġodda**.

**DATA**

**FIRMA TAL-AZZJONIST/I**
**(Jekk int firmatarju maħtur, jekk jogħġbok inkludi r-rwol tiegħek)**

barcode 70x0 mm

***Jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima tan-Noti misjuba f'dan il-ktejjeb.***
***English version overleaf.***